Nru./No. 20,108
Prezz/Price
€5.94

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 21 ta' Diċembru, 2018
Friday, 21st December, 2018

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

### SOMMARJU — SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ........ 12,623 - 12,701
*Government Notices ........ 12,623 - 12,701*

Avviżi tal-Pulizija ........ 12,701 - 12,703
*Police Notices ........ 12,701 - 12,703*

Avviżi lill-Baħħara ........ 12,703 - 12,706
*Notices to Mariners ........ 12,703 - 12,706*

Opportunitajiet ta' Impieg ........ 12,706 - 12,710
*Employment Opportunities ........ 12,706 - 12,710*

Avviżi tal-Gvern ........ 12,710 - 12,727
*Notices ........ 12,710 - 12,727*

Offerti ........ 12,728 - 12,740
*Tenders ........ 12,728 - 12,740*

Avviżi tad-Direttorat għar-Reġistrazzjoni tal-Proprjetà Industrijali ........ 12,740 - 12,741
*Industrial Property Registrations Directorate Notices ........ 12,740 - 12,741*

Avviżi tal-Qorti ........ 12,741 - 12,750
*Court Notices ........ 12,741 - 12,750*

# NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 1494**

**IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Joseph Muscat, KUOM, BCom, BA(Hons), MA(European Studies), PhD(Bristol), MP, reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar it-Tlieta, 18 ta' Diċembru, 2018, u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1477 tal-15 ta' Diċembru, 2018, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

It-18 ta' Diċembru, 2018
(OPM/40/2017)

**Nru. 1495**

**KUMITAT TAL-ESPLOŻIVI**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skont l-Artikolu 23 (1) tal-Ordinanza dwar l-Esplożivi (Kap. 33), il-President ta' Malta approvat in-nomina tal-Kumitat tal-Esplożivi, sal-31 ta' Diċembru, 2019, kif ġej:

*Chairperson*
Il-Kmandant, Forzi Armati ta' Malta jew ir-rappreżentant tiegħu

*Membri*
Il-Kummissarju tal-Pulizija jew ir-rappreżentant tiegħu
Id-Direttur tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili jew ir-rappreżentant tiegħu

Il-21 ta' Diċembru, 2018

**Nru. 1496**

**PUBBLIKAZZJONI TA' ATTI FIS-SUPPLIMENT**

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali li l-Atti li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru. XLIV tal-2018 imsejjaħ l-Att tal-2018 li jemenda Diversi Liġijiet dwar is-Servizzi Finanzjarji (Emenda Nru 2);

Att Nru. XLV tal-2018 imsejjaħ l-Att tal-2018 dwar l-Approprjazzjoni (2019); u

Att Nru. XLVI tal-2018 imsejjaħ l-Att tal-2018 dwar it-Tieni Approprjazzjoni (2018).

Il-21 ta' Diċembru, 2018

# GOVERNMENT NOTICES

**No. 1494**

**RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER**

IT is notified for general information that the Hon. Joseph Muscat, KUOM, BCom, BA(Hons), MA(European Studies), PhD(Bristol), MP, resumed duties as Prime Minister on Tuesday, 18th December, 2018, and that the arrangements made by Government Notice No. 1477 of the 15th December, 2018, ceased to have effect accordingly.

18th December, 2018

**No. 1495**

**EXPLOSIVES COMMITTEE**

IT is being notified for general information that in terms of Section 23 (1) of the Explosives Ordinance (Cap. 33), the President of Malta has approved the appointment of the Explosives Committee, up to 31st December, 2019, as follows:

*Chairperson*
The Commander, Armed Forces of Malta or his representative

*Members*
The Commissioner of Police or his representative
The Director of the Civil Protection Department or his representative

21st December, 2018

**No. 1496**

**PUBLICATION OF ACTS IN SUPPLEMENT**

IT is notified for general information that the following Acts are published in the Supplement to this Gazette:

Act No. XLIV of 2018 entitled the Various Financial Services Laws (Amendment No. 2) Act, 2018;

Act No. XLV of 2018 entitled the Appropriation (2019) Act, 2018; and

Act No. XLVI of 2018 entitled the Second (2018) Appropriation Act, 2018.

21st December, 2018

**Nru. 1497**

**ĦATRA TA' AĠENT SKRIVAN TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI**

L-ISKRIVAN tal-Kamra tad-Deputati approva l-ħatra temporanja li ġejja:

**No. 1497**

**APPOINTMENT OF ACTING CLERK OF THE HOUSE OF REPRESENTATIVES**

THE Clerk of the House of Representatives has approved the following temporary appointment:

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Is-Sa Josanne Paris | Aġent Skrivan<br>tal-Kamra tad-Deputati<br>*Acting Clerk of the*<br>*House of Represtantives* | Kamra tad-Deputati<br>Parlament ta' Malta<br>*House of Representatives*<br>*Parliament of Malta* | 28.12.18 – 13.01.19 |

Il-21 ta' Diċembru, 2018

21st December, 2018

**Nru. 1498**

**ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR/ REĠISTRATUR QRATI ĊIVILI U TRIBUNALI**

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali approva l-ħatra temporanja li ġejja:

**No. 1498**

**APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR/ REGISTRAR CIVIL COURTS AND TRIBUNALS**

THE Permanent Secretary in the Ministry for Justice, Culture and Local Government has approved the following acting appointment:

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Is-Sa Eunice Grech Fiorini | Direttur/Reġistratur<br>Qrati Ċivili u Tribunali<br>*Director/Registrar*<br>*Civil Courts and Tribunals* | Qrati tal-Ġustizzja<br>*Courts of Justice* | 30.12.2018-4.1.2019 |

Il-21 ta' Diċembru, 2018

21st December, 2018

**Nru. 1499**

**ĦATRA TA' MEMBRI FIL-BORD TAL-FONDAZZJONI TECH.MT**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd, li bis-setgħat mogħtija b'Artikoli 6 u 7 tal-Att tal-Fondazzjoni Tech.mt, is-Segretarju Parlamentari għal Servizzi Finanzjarji, Ekonomija Diġitali u Innovazzjoni għoġbu jaħtar il-persuni msemmija hawn taħt bħala membri tal-Bord tal-Fondazzjoni Tech.mt, għal perjodu ta' tliet snin, li jibdew fid-19 ta' Diċembru, 2018:

*Chairman mhux eżekuttiv*
Is-Sur Mark Bugeja

*Membri li jirrappreżentaw lill-Gvern ta' Malta*
Is-Sa Marouska Pisani Bugeja
Is-Sur Charles Scerri

**No. 1499**

**APPOINTMENT OF MEMBERS OF THE BOARD OF THE FOUNDATION TECH.MT**

IT is hereby notified for general information, that in terms of the powers conferred upon him by Articles 6 and 7 of the Deed of the Foundation Tech.mt Act, the Parliamentary Secretary for Financial Services, Digital Economy and Innovation has appointed the persons mentioned hereunder as members of the Board of the Foundation Tech.mt, for a period of three years, commencing 19th December, 2018.

*Non-Executive Chairman*
Mr Mark Bugeja

*Members representing the Government of Malta*
Ms Marouska Pisani Bugeja
Mr Charles Scerri

Is-Sur Raymond Spiteri
Is-Sa Jillian Spiteri

*Membri li jirrappreżentaw il-Kamra tal-Kummerċ, Intrapriża u Industrija*
Is-Sur Frank V. Farrugia
Is-Sur Francois Grech
Is-Sur Gordon Micallef
Is-Sur Roland Scerri

Il-21 ta’ Diċembru, 2018

Mr Raymond Spiteri
Ms Jillian Spiteri

*Members representing The Malta Chamber of Commerce, Enterpise and Industry*
Mr Frank V. Farrugia
Mr Francois Grech
Mr Gordon Micallef
Mr Roland Scerri

21st December, 2018

**Nru. 1500**

**WARRANT MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA, KULTURA U GVERN LOKALI**

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) tal-Ordinanza dwar il-Kummissarji b’setgħa li jagħtu l-Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali ħatar bħala Kummissarji bis-setgħa li jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, u/jew għall-perjodu indikat fl-istess ħatra, liema minnhom tiġi l-ewwel, lill-imsemmija hawn taħt:

*Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerċ*
Is-Sur Clint Borg
Is-Sur Mario Buttigieg
Is-Sa Sephora Gauci
Is-Sa Deborah Borg
Is-Sur Christopher Agius
Is-Sur Mark Anthony Micallef
Is-Sur Ivan Vassallo

B’Awtorità
Owen Bonnici
*Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali*

Il-21 ta’ Diċembru, 2018
(MJCL/124/2016/III)

**No. 1500**

**WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE, CULTURE AND LOCAL GOVERNMENT**

IT is notified that in exercise of such powers as provided by Article (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice, Culture and Local Government appointed as Commissioners for Oaths, whilst performing such functions and as long as they continue in that capacity, and/or for the period indicated in the same appointment, whichever is the earlier, the undermentioned:

*Ministry for Foreign Affairs and Trade Promotion*

Mr Clint Borg
Mr Mario Buttigieg
Ms Sephora Gauci
Ms Deborah Borg
Mr Christopher Agius
Mr Mark Anthony Micallef
Mr Ivan Vassallo

By Authority
Owen Bonnici
*Minister for Justice, Culture and Local Government*

21st December, 2018

**Nru. 1501**

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA**

**Skema ta’ Restawr tad-Dgħajsa**

DIN l-iskema għandha tgħin fil-preservazzjoni kulturali tal-flotta lokali tas-sajd u hija mmirata lejn il-kategoriji professjonali (MFA/MFB). Bastimenti tas-sajd tal-injam irreġistrati, liema sena tal-kostruzzjoni hija qabel l-2007 (is-sena bażi ġiet inkluża wkoll). Il-bastimenti reġistrati MFA jew MFB biss, liema tip ta’ bastiment huwa jew:

**No. 1501**

**MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, SUSTAINABLE DEVELOPMENT AND CLIMATE CHANGE**

**Boat Restoration Scheme**

THIS scheme shall help in the cultural preservation of the local fishing fleet and is aimed at the professional categories (MFA/MFB). Registered wooden fishing vessels which year of construction dates prior to 2007 (base year also included). Only MFA or MFB registered vessels, which vessel type is either a: Firilla, Frejgatina, Kajjik and Luzzu,

Firilla, Frejgatina, Kajjik u Luzzu, għandhom jitqiesu bħala eliġibbli. Apparti mill-aspetti finanzjarji u settorali, dawn il-bastimenti għandhom ukoll valur kulturali u storiku u għalhekk għandhom jiġu ppreservati.

**1. Definizzjonijiet**

F'din l-iskema, sakemm il-kuntest ma jitlobx mod ieħor:

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima.

"Direttur" tfisser id-Direttur responsabbli għas-Sajd u l-Akkwakultura.

"Sid/ien" tfisser il-persuna nnifisha jew persuna/i legali li taħtha hija rreġistrata bħala propretarju (il-persuna li għandha d-dritt tal-pussess) tal-bastiment tas-sajd.

"Applikant" għandu l-istess tifsira bħal "sid".

**2. Min hu eliġibbli għal tali assistenza?**

Sid/ien ta' bastiment/i tas-sajd li huma magħmula kompletament mill-injam, huma rreġistrati fil-kategoriji professjonali (MFA/MFB), liema sena ta' kostruzzjoni kienet l-2007 jew qabel. Il-bastimenti rreġistrati MFA jew MFB biss, liema tip ta' bastiment huwa jew: Firilla, Frejgatina, Kajjik u Luzzu, għandhom jitqiesu bħala eliġibbli.

Din il-miżura se tiġi implimentata b'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 tas-27 ta' Ġunju 2014 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna "de minimis" fis-sajd u l-akkwakultura (ĠU L 190, 28.6.2014, p.45). Id-DFA għandu jitlob għal dikjarazzjoni ffirmata mill-impriża kkonċernata dwar kwalunkwe għajnuna 'de minimis' oħra li ġiet riċevuta) matul is-sentejn fiskali preċedenti u s-sena fiskali kurrenti. L-applikazzjonijiet m'għandhomx jitqiesu bħala eliġibbli sakemm ma jintlaħqux id-dispożizzjonijiet regolatorji ta' hawn fuq.

**3. Kif il-persuna takkwista d-dritt għal din l-għajnuna?**

Sidien tal-bastimenti eliġibbli għandhom jimlew Formola tal-Applikazzjoni biex jirreġistraw formalment l-interess tagħhom f'din l-iskema. Id-dikjarazzjonijiet u d-dokumentazzjoni kollha għandhom jiġu pprovduti skont l-istruzzjonijiet mogħtija fil-Formola tal-Applikazzjoni.

L-applikanti interessati huma mħeġġa biex jimlew il-Formola tal-Applikazzjoni mehmuża u joħduha

shall be considered as being eligible. Apart from financial and sectorial aspects, these vessels have also a cultural and historical value and should therefore be preserved.

**1. Definitions**

In this scheme, unless the context requires otherwise:

"Minister" means the Minister responsible for the Environment, Sustainable Development and Climate Change.

"Director" means the Director responsible for Fisheries and Aquaculture.

"Owner/s" means the natural or legal person/s under whom the ownership of a fishing vessel is registered.

"Applicant" carries the same meaning as "owner".

**2. Who is eligible for such assistance?**

Owner/s of fishing vessel/s which are made entirely of wood, are registered in the professional categories (MFA/MFB), which year of construction was 2007 or earlier. Only MFA or MFB registered vessels, which vessel type is either a: Firilla, Frejgatina, Kajjik and Luzzu, shall be considered as being eligible.

This measure will be implemented in line with the provisions of the Commission Regulation (EU) No 717/2014 of 27 June 2014 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid in the fishery and aquaculture sector (OJ L 190, 28.6.2014, p. 45). The DFA shall request for a signed declaration from the undertaking concerned about any other de minimis aid received during the previous two fiscal years and the current fiscal year. Applications shall not be considered as eligible unless the above regulatory provisions are met.

**3. How does a person acquire the right for this assistance?**

Eligible vessel owners should fill in an Application Form to formally register their interest in this scheme. All declarations and documentation should be provided as per instructions provided in the Application Form.

Interested applicants are encouraged to fill in the attached Application Form and then return it by hand to the

personalment lid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura mhux aktar tard mill-15/01/2019, sakemm mhux innotifikat mod ieħor mid-Dipartiment.

L-applikanti eliġibbli u mhux eliġibbli kollha se jkunu nnotifikati permezz ta' ittra uffiċjali.

Il-pagamenti għandhom jiġu pproċessati f'żewġ (2) lottijiet, wara s-sottomissjoni ta' rċevuti fiskali dettaljati u validi.

Wara l-ivverifikar tal-irċevuti, ċekk li jammonta biss għan-nefqa eliġibbli jinħareġ mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura lill-applikant. L-applikanti għandhom jiġu notifikati bil-posta biex jiġbru ċ-ċekk personalment mid-Dipartiment.

**4. Kif tiġi kkalkulata l-għajnuna**

L-allokazzjoni finanzjarja massima se tkun ikkalkulata fuq it-tul tal-bastiment irreġistrat f'metri skont il-kategoriji ta' tul definiti skont l-iskeda ta' hawn taħt. Fl-ebda ċirkostanza m'għandu l-valur tal-appoġġ massimu rċevut jaqbeż il-valur stipulat. Il-valur totali tal-irċevuti mibgħuta għandhom ikunu limitati għal dan il-limitu definit minn qabel.

Kategorija 1:00–05.99M - €1,300 (Sapport Massimu)
Kategorija 2:06–11.99M - €2,700 (Sapport Massimu)

Wara t-tieni/l-aħħar sottomissjoni tal-irċevuti, applikanti eliġibbli m'għandhomx ikunu intitolati bl-ebda mod għal kwalunkwe bilanċ pendenti mhux mitlub.

Sid/ien tal-bastiment fil-pussess ta' aktar minn bastiment eliġibbli wieħed għandu jkun intitolat li japplika għal kull bastiment, liema sostenn finanzjarju għandu jkun ikkalkulat skont l-istess prinċipji kif stipulat fl-iskeda ta' hawn fuq, skont il-kategorija applikabbli.

L-Għotja tista' tiġi użata/applikata darba biss (għal kull bastiment), mill-applikant (persuna jew persuni reġistrati) li għandhom il-bastiment.

F'każ ta' bżonn, id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura jirriżerva d-dritt li jirrevedi it-total massimu tas- sapport eliġibbli.

**5. Fiex tikkonsisti l-assistenza?**

Din il-miżura se tiġi implimentata skont ir-regolament tal-Kummissjoni (UE) 717/2014 tas-27 ta' Ġunju, 2014, dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna de minimis fis-settur tas-sajd u l-akkwakultura (OJ L 190, 28.6.2014, p. 45).

Department of Fisheries and Aquaculture by not later than the 15/01/2019, unless otherwise notified by the DFA.

All eligible and non eligible applicants shall be notified via an official letter.

Payments shall be processed in two (2) batches, following the submission of itemised, valid fiscal receipts.

Following the vetting of receipts received, a cheque totalling only the eligible expenditure shall than be issued by the Department of Fisheries and Aquaculture to the applicant. Applicants shall be notified by post to collect this cheque in person from the Department.

**4. How support is calculated**

The maximum financial allocation shall be calculated on the registered vessel length in meters as per below pre defined length categories, each having a corresponding financial value. In under no circumstance shall the value of maximum support received exceed the stipulated value. The total value of receipts submitted shall be capped to this pre-defined limit.

Category 1: 00–05.99M - €1,300 (Max. Support)
Category 2: 06–11.99M - €2,700 (Max. Support)

Following the second/last submission of receipts, eligible applicants shall not be entitled in any manner for any pending unclaimed balance.

Vessel owner/s in possession of more than one eligible vessel shall be entitled to apply for multiple vessels, which financial support shall than be calculated following the same principles as stipulated in the above schedule, depending on the applicable category.

The Grant can only be availed of/applied for once (per vessel), by the applicant (registered person/s) owning the vessel/s.

The DFA reserves the right to revise the total eligible maximum support value if required.

**5. What does such assistance consist of?**

This measure will be implemented in line with the provisions of the Commission Regulation (EU) No 717/2014 of 27 June, 2014, on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid in the fishery and aquaculture sector (OJ L 190, 28.6.2014, p. 45).

In-nefqa li ġejja jew nefqa simili biss għandha titqies bħala eliġibbli:

Żebgħa dekorattiva, protettiva u *antifouling* (jew simili);
Folji tal-injam solidi, laminati, *plywood* u planki tal-injam (jew simili);
Imsiemer tar-ram, boltijiet, *rivets* u viti (jew simili);
Kolla, *epoxy*, siġillant (*sealant*) u *caulking* (jew simili);
Spejjeż diretti tax-xogħol (sa massimu ta' 20% tal-ammont totali eliġibbli bħala sapport.

In-nefqa li ġejja jew nefqa simili għandha titqies bħala mhux eliġibbli:

Tagħmir u apparat (jew simili);
Partijiet tal-magna, żjut tal-magna, lubrikanti (jew simili);
Għodda tal-enerġija u għodda tal-idejn (jew simili);

Id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura jirriżerva d-dritt li jiddetermina l-eliġibbiltà tal-irċevuti/nefqa mitluba sottomessi, skont il-parametri stipulati hawn fuq. L-eliġibbiltà tan-nefqa kollha għandha tkun suġġetta għall-iskrutinju, l-interpretazzjoni u l-aċċettazzjoni tad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura. In-nefqa ddefinita bħala eliġibbli jew mhux eliġibbli mid-Dipartiment għandha titqies bħala finali.

Il-verżjoni Ingliża tal-Applikazzjoni kif ukoll tat- Termini u l-Kundizzjonijiet jieħdu preċedent f'każ ta' konflitt jew interpretazzjoni fuq dik tal-lingwa Maltija.

**6. Kif għandha titħallas?**

Pagament b'ċekk li jlaħħaq biss in-nefqa eliġibbli għandu jinħareġ mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura lill-applikant. L-applikanti għandhom jiġu nnotifikati bil-posta biex jiġbru ċ-ċekk personalment mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura.

Dan iċ-ċekk se jkun validu għal perjodu ta' xahrejn mid-data tal-ħruġ.

Is-sidien tal-bastiment/i reġistrati li jibbenefikaw minn din l-iskema ma jistgħux jiddekommissjonaw il-bastiment tagħhom għal perjodu ta' 5 snin wara d-data ta' aċċettazzjoni ta' appoġġ, sakemm is-sostenn riċevut ma jitħallasx lura lid-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura mill-applikant/sidien li jibbenefikaw minn din l-iskema. Jekk waqt il-perjodu ta' 5 snin il-bastiment/i jiġi/u mibjugħ/a jew trasferit/i, l-applikant oriġinali jibqa' legalment responsabbli mill-azzjonijiet imwettqa.

**7. Kull meta tingħata informazzjoni falza jew Nuqqas ta' konformità mad-Dispożizzjonijiet tal-Iskema**

Kwalunkwe dikjarazzjoni jew dikjarazzjonijiet foloz għandhom jiġu definiti bħala reat kriminali. L-applikant

Only the following or similar expenditure shall be considered as being eligible:

Decorative, protective and antifouling paint (or similar);
Solid, laminated, plywood wood sheets and planks (or similar);
Copper nails, bolts, rivets and screws (or similar);
Glues, epoxy, sealant and caulking (or similar);
Direct labour costs (up to a maximum of 20% of the total eligible support)

The following or similar expenditure shall be considered as being non eligible:

Equipment (or similar);
Engine parts, engine oils, lubricants (or similar);

Power tools and hand tools (or similar);

The Department of Fisheries and Aquaculture reserves the right to determine the eligibility of submitted receipts/ claimed expenditure, as per parameters stipulated above. All expenditure eligibility shall be subject to the scrutiny, interpretation and acceptance of the Department of Fisheries and Aquaculture. Expenditure defined as being eligible or non eligible by the Department shall be deemed as final.

The English version of both the Application Form and the Terms and Conditions shall prevail in case of conflict or interpretation with the Maltese version.

**6. How shall it be paid?**

A cheque totalling only the eligible expenditure shall be issued by the Department of Fisheries and Aquaculture to the applicant. Applicants shall be notified by post to collect this cheque in person from the Department of Fisheries and Aquaculture.

This cheque will be valid for a period of two months from the date of issue.

Registered vessel owner/s benefitting from this scheme cannot decommission their vessel for a period of 5 years following the date of acceptance of support, unless support received is entirely refunded back to the Department of Fisheries and Aquaculture by the applicant / owners benefitting from this scheme. If during the 5 year period the boat is sold or transferred, the original applicant/owner shall still remain legally responsible of actions incurred.

**7. Whenever false information is given or failure to conform to the Provisions of the Scheme**

Any false declaration/s shall be defined as being a criminal offence. The applicant shall be held personally

għandu jinżamm personalment responsabbli biex jirritorna lura kwalunkwe flus riċevuti, jekk il-pagamenti kienu diġà ġew ipproċessati. Wieħed ikun awtomatikament skwalifikat mill-iskema. Din il-klawsola m’għandhiex limitu ta’ żmien applikabbli u għandha tibqa’ fis-seħħ b’mod indefinit.

**8. Tul ta’ żmien tal-iskema**

Din hija skema ta’ darba li għandha tiġi varata, implimentata u konkluża bejn is-sena 2018 u l-2020.

L-irċevuti għandhom jitqiesu biss bħala validi jekk in-nefqa mġarrba/id-data tal-wasla taqa’ bejn it-12/11/2018 u t-12/11/2019.

**9. Emendi għall-iskema**

Il-Ministru għandu jagħmel l-emendi meħtieġa għal din l-iskema billi jippubblika l-imsemmija emendi fil-Gazzetta tal-Gvern.

**Id-data tal-għeluq ta’ din l-iskema ġiet estiża mill-14 ta’ Diċembru, 2018 sal-15 ta’ Jannar, 2019.**

Il-21 ta’ Diċembru, 2018

liable to return back any monies received, if payments would have already been processed. One will also be automatically disqualified from the scheme. This clause does not have an applicable time limit and shall remain in force indefinitely.

**8. Duration of the scheme**

This is a one-time scheme which shall be launched, implemented and concluded between the year 2018 and 2020.

Receipts shall only be considered as valid if the expenditure incurred/receipt date falls between the period 12/11/2018 and 12/11/2019.

**9. Amendments to the scheme**

The Minister shall make the necessary amendments to this scheme by publishing the said amendments in the Government Gazette.

**The closing date of this scheme has been extended from the 14th December, 2018 to 15th January, 2019.**

21st December, 2018

**Nru. 1502**

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA**

**Skema Fishing for Litter**

*Data tal-ftuħ tal-applikazzjonijiet: 12/11/2018*
*Data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet: 31/12/2018*

**1. Għan tas-sejħa pubblika**

ID-DIPARTIMENT tas-Sajd u l-Akkwakultura (DFA) fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima (MESDC), iżjed ’il quddiem imsejjaħ l-‘Awtorità Kontraenti’, qiegħed b’dan jippubblika din is-sejħa bil-għan li jidentifika persuni eliġibbli biex jipparteċipaw fi ħdan l-iskema Fishing for Litter matul l-istaġuni tas-sajd tat-tkarkir tal-qiegħ minn Jannar sa Diċembru 2019. L-applikanti għandu jkollhom liċenzja tas-sajd valida u jkunu awtorizzati biex joperaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ. Dawn is-servizzi jiġu pprovduti matul il-perjodu tas-sena msemmija l-aħħar. Wara l-iskadenza ta’ dan il-perjodu, il-ftehim mal-lista magħżula ta’ applikanti li jirnexxu jista’ jiġġedded fuq bażi annwali taħt l-istess termini u kundizzjonijiet.

**No. 1502**

**MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, SUSTAINABLE DEVELOPMENT AND CLIMATE CHANGE**

**Fishing for Litter Scheme**

*Opening Date for applications: 12/11/2018*
*Closing Date for applications: 31/12/2018*

**1. Objective of public call**

THE Department of Fisheries and Aquaculture (DFA) within The Ministry for Enviornment, Sustainable Development and Climate Change (MESDC) hereinafter referred to as the ‘Contracting Authority’, is hereby publishing this call with the purpose of identifying eligible persons to participate within the Fishing for Litter scheme during the bottom trawling fishing seasons from January to December 2019. Applicants must be in possession of a valid fishing licence and be authorised to operate bottom otter trawls. These services will be provided during the period of the latter mentioned year. After expiry of this period, the agreement with the selected list of successful applicants may be renewed on an annual basis under the same terms and conditions.

1.2 Ir-rendiment mhux sodisfaċenti jista' jwassal għat-terminazzjoni tal-ftehim skont il-proċeduri stabbiliti u l-prattika tajba.

1.3 Ir-referenzi kollha għal kwalunkwe sess partikolari għandhom jiġu interpretati bħala li jirreferu u jinkludu s-sess l-ieħor.

**2. Regoli u Regolamenti Applikabbli**

L-applikant/i magħżul/a għandu/hom jiġi/u pprovdut/i b'Jumbo Bags vojta minn Waste Serve Malta Ltd mingħajr ħlas. Dawn se jintużaw mill-applikanti magħżula biex jiġbru l-iskart tal-plastik li jiġi rkuprat inċidentalment mill-baħar matul l-attivitajiet tas-sajd normali tat-tkarkir tal-qiegħ. Ladarba tali Jumbo Bag ikun ġie mimli bil-ħmieġ tal-plastik tal-baħar, l-applikant għandu jinforma lid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura li Jumbo Bag se jinħatt f'wieħed mis-siti ta' ġbir magħżula kif jista' jiġi stipulat mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura minn ħin għal ħin. Din in-notifika għandha sseħħ fl-istess ħin man-notifika obbligatorja li l-bastiment qiegħed jirritorna f'port mill-attività tas-sajd. Matul l-inżul, uffiċjal tad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura se jkun preżenti, jagħmel verifiki kif jista' jkun meħtieġ u jdaħħal annotazzjoni fuq il-Fishing Litter Form kif ipprovdut mill-istess Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura u miżmum mill-Fornitur tas-Servizz biex jikkonferma l-inżul. Sostituzzjoni tal-Jumbo Bags vojta tista' tinġabar mill-bini tad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura.

L-applikanti magħżula għandhom jaġixxu fl-aspetti kollha skont l-istruzzjonijiet u d-direzzjoni mogħtija mid-Direttur Ġenerali (Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura) jew ir-rappreżentant tiegħu.

**3. Tul tal-Ftehim u Ħlas**

3.1 Il-perjodu tal-ftehim għandu jibda fil-jum tal-ittra uffiċjali mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura li jinnotifika l-aċċettazzjoni tal-applikazzjoni.

3.2 Fit-tmiem tal-istaġun tas-sajd, il-fornitur tas-servizz għandu jippreżenta l-Fishing Litter Form/s lid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura. Il-ħlas se jkun ipproċessat ibbażat fuq din is-sottomissjoni. Għal kull Jumbo Bag li jinħatt l-art, mimli sewwa bl-iskart tal-baħar irkuprat, il-Fornitur tas-Servizz ser jitħallas €200. Il-ħlas isir fuq bażi annwali permezz tal-ħruġ ta' pagamenti ta' ċekk jew depożitu dirett fil-kont bankarju tagħhom.

3.3 L-Awtorità Kontraenti tirriżerva d-dritt li tannulla l-proċedura ta' Espressjoni ta' Interess (EOI) u tirrifjuta l-applikazzjonijiet kollha mingħajr ma teħel l-ebda responsabbiltà għall-applikanti affettwati. Meta tagħmel dan, l-Awtorità Kontraenti m'għandha tkun responsabbli li tagħti l-ebda raġuni.

1.2 Unsatisfactory performance may lead to the termination of the agreement according to established procedures and good practice.

1.3 All references to any particular gender shall be construed to refer and include the other gender.

**2. Applicable Rules and Regulations**

The selected applicant/s shall be supplied with empty Jumbo Bags by Waste Serve Malta Ltd free of charge. These will be used by the selected applicants to collect plastic litter that is recovered incidentally from the sea during normal bottom trawling fishing activities. Once such a Jumbo Bag has been filled with marine plastic litter, the applicant is to inform the Department of Fisheries and Aquaculture that a Jumbo Bag will be landed at one of the designated collection sites as may be stipulated by the Department of Fisheries and Aquaculture from time to time. This notification is to happen simultaneously with the mandatory notification that the vessel is returning to port from fishing activity. On landing, a Department of Fisheries and Aquaculture official will be in attendance, make checks as may be necessary and insert an entry on the Fishing for Litter Form as provided by the same Department of Fisheries and Aquaculture and held by the Service Provider to confirm the landing. Replacement empty Jumbo Bags may be collected from the Department of Fisheries and Aquaculture.

The selected applicants shall act in all respects according to instructions and direction as given by the Director General (Department of Fisheries and Aquaculture) or his delegated representative.

**3. Duration of Agreement and Payment**

3.1 The agreement period shall commence on the day of the official letter from the Department of Fisheries and Aquaculture notifying the acceptance of the application.

3.2 At the end of the fishing season, the service provider should submit the completed Fishing for Litter Form/s to the Department of Fisheries and Aquaculture. Based on this submission, payment will be processed. For each Jumbo Bag landed, filled tightly with recovered marine litter, the Service Provider will be paid €200. Payment will be effected on an annual basis through the issuing of cheque payments or direct deposit in their bank account.

3.3 The Contracting Authority reserves the right to annul the Expression of Interest (EOI) procedure and reject all applications without thereby incurring any liability to the affected applicants. In so doing, the Contracting Authority shall not be liable to give any reason whatsoever.

**4. Terminazzjoni tas-Servizzi**

4.1 It-terminazzjoni tas-servizzi għandha tiġi pprovduta fl-ittra ta' aċċettazzjoni qabel il-bidu tas-servizzi.

4.2 Jekk oġġetti oħra għajr il-ħmieġ tal-plastik tal-baħar jiġu depożitati fil-Jumbo Bags li jinħattu l-art, il-ftehim ma' dak l-applikant partikolari jista' jintemm minnufih.

**5 Rekwiżiti ta' Eliġibbiltà:**

Fil-ħin tal-applikazzjoni, l-applikanti prospettivi għandhom ikollhom liċenzja tas-sajd valida maħruġa mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura u jkunu awtorizzati biex joperaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ.

**6. Proċedura ta' Applikazzjoni**

6.1 Formoli ta' applikazzjoni mimlija kif suppost (li jridu jinġabru mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura) għandhom jiġu depożitati bl-idejn fil-kaxxa tal-offerti pprovduta fid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura sal-ħin u d-data tal-għeluq indikati fin-naħa ta' fuq ta' dan l-avviż.

6.2 Sal-ħin u d-data tal-għeluq, l-applikazzjonijiet KOLLHA għandhom ikunu depożitati fiżikament fil-kaxxa tal-offerti pprovduta fid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura. Fil-każ li s-sejħa għall-applikazzjonijiet tiġi estiża mill-Awtorità Kontraenti, il-ħin u d-data l-ġdida għandhom jiġu kkunsidrati bħala d-data ta' sottomissjoni (ġdida). Kwalunkwe applikazzjoni mwassla/riċevuta wara l-iskadenza tal-ħin u d-data tal-għeluq għandha titqies bħala sottomissjoni tard. Is-sottomissjonijiet tard m'għandhomx jiġu aċċettati.

6.3 Is-sottomissjonijiet għandhom jinżammu f'pakkett/envelop issiġillat bin-Numru tal-Avviż immarkat b'mod ċar fuq barra tal-pakkett/envelop u sottomess jew permezz ta' kunsinna rreġistrata (servizz uffiċjali tal-posta/*courier*), jew mogħtija bl-idejn u fil-każijiet kollha depożitati fit-Tender Box fl-indirizz ta' hawn fuq. Kwalunkwe metodu ieħor ta' sottomissjoni m'għandux jiġi aċċettat.

**7. Notifika ta' aċċettazzjoni għal Servizz**

L-Awtorità Kontraenti għandha tinnotifika bil-miktub lill-applikant li l-applikazzjoni tiegħu ġiet aċċettata.

**8. Emendi għall-Iskema**

Kwalunkwe emendi meħtieġa għal din l-iskema għandhom isiru billi ssir pubblikazzjoni tal-imsemmija emendi fil-Gazzetta tal-Gvern.

**Id-data tal-għeluq ta' din l-iskema ġiet estiża mill-14 ta' Diċembru, 2018 sal-31 ta' Diċembru, 2018.**

Il-21 ta' Diċembru, 2018

**4. Termination of Services**

4.1 Termination of services shall be provided for in the letter of acceptance prior to commencement of services.

4.2 Should items other than marine plastic litter be deposited in the Jumbo Bags landed, the agreement with that particular applicant may be terminated forthwith.

**5 Eligibility Requirements:**

At the time of application, prospective applicants must be in possession of a valid fishing licence issued by the Department of Fisheries and Aquaculture and be authorised to operate bottom otter trawls.

**6. Application Procedure**

6.1 Properly filled application forms (to be collected from the Department of Fisheries and Aquaculture) must be deposited by hand in the tender box provided at the Department of Fisheries and Aquaculture by the closing time and date indicated at the top of this notice.

6.2 By the closing time and date, ALL applications must be physically deposited in the tender box provided at the Department of Fisheries and Aquaculture. In the event that the Contracting Authority extends the call for applications, the new time and date will be construed to mean the (new) submission date. Any application delivered/received after the lapse of the closing time and date shall be considered as a late submission. Late submissions shall not be accepted.

6.3 Submissions shall be contained in a sealed package/envelope with the Advert Number clearly marked on the outside of the package/envelope and submitted either by recorded delivery (official postal/courier service), or hand delivered and in all instances deposited in the Tender Box at the above address. Any other method of submission shall NOT be accepted.

**7. Notification of acceptance for Service**

The Contracting Authority shall notify in writing the successful applicant that his/her application has been accepted.

**8. Amendments to the Scheme**

Any necessary amendments to this scheme shall be made by publishing the said amendments in the Government Gazette.

**The closing date of this scheme has been extended from the 14th December, 2018 to 31st December, 2018.**

21st December, 2018

**Nru. 1503**

## REGOLAMENTI TAL-2018 DWAR IL-FATTURAZZJONI ELETTRONIKA FL-AKKWIST PUBBLIKU

### Noti ta' Spjegazzjoni Skont l-Artikolu 3(2)(ċ) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kap. 512)

1. Introduzzjoni

Ir-Regolamenti tal-2018 dwar il-Fatturazzjoni Elettronika fl-Akkwist Pubbliku qegħdin jiġu magħmula taħt l-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika u ġew imħejjija mill-Ministeru tal-Finanzi.

Dawn ir-regolamenti ser jirregolaw fatturi elettroniċi maħruġa bħala riżultat tat-twettiq ta' kuntratti li għalihom japplika l-akkwist pubbliku ta' diversi awtoritajiet jew entitajiet kontraenti u li jaqbżu l-limitu ta' €144,000.

2. Taqsira u sfond

Dawn ir-Regolamenti huma rikjesti sabiex jittrasponu d-Direttiva 2014/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April, 2014, dwar il-Fatturazzjoni Elettronika fl-Akkwist Pubbliku (id-"Direttiva").

L-objettivi ġenerali tad-Direttiva huma t-tneħħija ta' ostakoli għas-suq u ostakoli għall-kummerċ li jirriżultaw mill-eżistenza ta' regoli u standards nazzjonali diverġenti, kif ukoll li tiġi żgurata l-interoperabbiltà.

L-għanijiet aktar speċifiċi tad-Direttiva huma li jippermettu l-armonizzazzjoni tal-fatturazzjoni elettronika fl-Istati Membri sabiex:

tiżdied l-interoperabbiltà;
jissaħħaħ l-akkwist transkonfinali;
jiġu ridotti l-ostakoli għall-kummerċ ġewwa l-Unjoni;
jittejjeb il-mod kif jiffunzjona s-suq intern.

Saret konsultazzjoni mas-segwenti entitajiet:

L-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA), fuq ħwejjeġ relatati ma' standardizzazzjoni;

Il-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar (MEIB), fuq ħwejjeġ relatati mal-komunità kummerċjali;

L-Aġenzija tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni ta' Malta (MITA), fuq ħwejjeġ relatati mal-implimentazzjoni tal-istandard tal-fatturi elettroniċi fis-sistemi tal-IT tal-Gvern.

L-emendi proposti ġew diskussi u maqbula mill-partijiet kollha.

**No. 1503**

## ELECTRONIC INVOICING IN PUBLIC PROCUREMENT REGULATIONS, 2018

### Explanatory Notes in Terms of Article 3(2)(c) of the Small Business Act (Cap. 512)

1. Introduction

The Electronic Invoicing in Public Procurement Regulations, 2018 are being issued under the Financial Administration and Audit Act and have been prepared by the Ministry for Finance.

These regulations will regulate electronic invoices issued as a result of the performance of contracts to which the public procurement of various authorities and entities applies and which are above the threshold of €144,000.

2. Summary and background

These Regulations are required to transpose Directive 2014/55/EU of the European Parliament and of the Council of 16th April, 2014, on electronic invoicing in public procurement (the "Directive").

The general objectives of the Directive are the removal of market barriers and obstacles to trade deriving from the existence of differing national rules and standards and ensuring interoperability.

The more specific aims of the Directive are to enable harmonisation of e-invoicing amongst Member States in order to:

increase interoperability;
enhance cross-border procurement;
reduce obstacles to intra-union trade; and
improve the functioning of the internal market.

Consultation was carried out with the following entities:

Malta Competition and Consumer Affairs Authority (MCCAA), in relation to standardisation issues;

Ministry for Economy, Investment and Small Businesses (MEIB), in relation to issues relating to the business community;

Malta Information and Technology Agency (MITA), in relation to the implementation of the e-invoicing standard in Government's IT systems.

The proposed amendments were discussed and agreed upon by all parties.

3. Ħarsa ġenerali tal-istruttura tal-istrument

Regolament 1 jistipula t-titolu u l-bidu fis-seħħ tar-regolamenti.

Regolament 2 jelenka d-definizzjonijiet ta’ termini użati fir-regolamenti.

Regolament 3 jispjega l-kamp ta’ applikazzjoni tar-regolamenti.

Regolament 4 jelenka l-elementi prinċipali ta’ fattura elettronika li għandhom ikunu inklużi f’kull fattura elettronika.

Regolament 5 jirrikjedi li r-riċevituri ta’ fattura, jiġifieri l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti, għandhom jaċċettaw u jipproċessaw il-fatturi elettroniċi.

Regolament 6 jiċċara li l-liġijiet eżistenti dwar il-protezzjoni tad-data japplikaw ukoll fil-qasam tal-fatturazzjoni elettronika u li għal skopijiet ta’ trasparenza u responsabbiltà, il-pubblikazzjoni ta’ data personali għandha tkun f’konformità mal-protezzjoni tal-privatezza.

Regolament 7 jistipula li r-regolamenti huma mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

4. Kummentarju

Sabiex jintlaħqu l-objettivi msemmija, ġie żviluppat Standard Ewropew EN 16931-1:2017 għall-mudell semantiku tad-data tal-elementi prinċipali ta’ fattura elettronika (l-‘istandard Ewropew dwar il-fatturazzjoni elettronika’).

L-istandard Ewropew dwar il-fatturazzjoni elettronika jiddefinixxi l-elementi semantiċi tad-data li jirreferu, b’mod partikolari, għad-data komplimentari dwar il-bejjiegħ u x-xerrej, l-identifikaturi tal-proċess, l-attributi tal-fattura, id-dettalji dwar l-oġġetti fuq il-fattura, l-informazzjoni dwar il-kunsinna tagħhom, u d-dettalji u l-kondizzjonijiet tal-pagament. L-elementi prinċipali ta’ fattura elettronika għandhom jiġu inklużi f’kull fattura elettronika. Dan għandu jiżgura applikazzjoni ċara u uniformi tal-fatturazzjoni elettronika fl-Unjoni Ewopea.

Dawn ir-regolamenti jirrikjedu li r-riċevituri ta’ fattura, jiġifieri l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti, għandhom jaċċettaw u jipproċessaw il-fatturi elettroniċi. Dawn ir-regolamenti għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-dritt ta’ min jibgħat il-fattura li jagħżel bejn li jippreżenta l-fattura f’konformità mal-istandard Ewropew dwar il-fatturazzjoni elettronika jew fuq il-karta.

3. Overview of the structure of the instrument

Regulation 1 establishes the title and date of commencement of the regulations.

Regulation 2 lists the definitions of terms used in the regulations.

Regulation 3 explains the scope of the regulations.

Regulation 4 lists the core elements of an electronic invoice that are to be included in every electronic invoice.

Regulation 5 requires recipients of an invoice, i.e. contracting authorities and contracting entities, to accept and process electronic invoices.

Regulation 6 makes clear that existing data protection laws also apply in the area of electronic invoicing and that the publication of personal data for transparency and accountability purposes must be in keeping with the protection of privacy.

Regulation 7 states that the regulations are without prejudice to the provisions of the Value Added Tax Act.

4. Commentary on parts and articles

In order to achieve the above objectives, a common European standard EN 16931-1:2017 for the semantic data model of the core elements of an electronic invoice (the ‘European standard on electronic invoicing’) has been developed.

The European standard on electronic invoicing defines semantic data elements referring, in particular, to complementary seller and buyer data, process identifiers, invoice attributes, invoice item details, delivery information and payment details and terms. The core elements of an electronic invoice are to be included in every electronic invoice. This should ensure the clear and uniform application of electronic invoicing across the European Union.

These Regulations require recipients of an invoice, i.e. contracting authorities and contracting entities to accept and process electronic invoices. These Regulations are without prejudice to the right of the sender of the invoice to choose between submitting the invoice in accordance with the European standard on electronic invoicing or in paper format.

5. Sezzjonijiet konklużivi

Id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fis-27 ta' Novembru, 2018.

Madanakollu, huwa biss sa mhux aktar tard mit-18 ta' April, 2019, li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom ikunu konformi mal-obbligu li jirċievu u jipproċessaw il-fatturi elettroniċi.

Barra minn hekk, il-kunsilli lokali, l-awtoritajiet kontraenti subċentrali u l-entitajiet kontraenti għandhom ikunu konformi mal-obbligu li jirċievu u jipproċessaw il-fatturi elettroniċi mit-18 ta' April, 2020. Għal dan il-għan, ħa jiġi ppubblikat Avviż Legali separat, ir-Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kunsilli Lokali (Finanzi). Dawn ir-Regolamenti ser jirreferu għar-Regolamenti preżenti.

**Anness – Noti ta' Traspożizzjoni**

Il-Gvern qiegħed jittrasponi d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva fil-liġi Maltija permezz ta' leġiżlazzjoni sussidjarja, jiġifieri permezz ta' dawn ir-Regolamenti tal-2018 dwar il-Fatturazzjoni Elettronika fl-Akkwist Pubbliku. B'mod aktar speċifiku:

5. Concluding Section

These regulations shall come into force on 27th November, 2018.

However, it is only by 18th April, 2019, that contracting authorities and contracting entities are legally bound to be in a position to receive and process electronic invoices.

Furthermore, local councils, sub-central contracting authorities and contracting entities are legally bound to be in a position to receive and process electronic invoices by 18th April, 2020. A separate Legal Notice, the Local Councils (Financial) (Amendment) Regulations, 2018, will be enacted in this regard. They will cross-refer to the present Legal Notice.

**Annex – Transposition Notes**

Government is transposing the provisions of the Directive into Maltese law by means of subsidiary legislation, namely by the current Electronic Invoicing in Public Procurement Regulations, 2018. More specifically:

| **Artikolu tad-Direttiva**<br>***Directive Article*** | **Objettiv**<br>***Objective*** | **Implimentazzjoni**<br>***Implementing provision*** |
|---|---|---|
| Artikolu 1. | Skop | Regolament 3(1) u (2) |
| *Article 1.* | *Scope* | *Regulation 3(1) and (2)* |
| Artikolu 2.1 | Definizzjonijiet: fattura elettronika | Regolament 2 |
| *Article 2.1* | *Definitions: electronic invoice* | *Regulation 2* |
| Artikolu 2.2 | Elementi prinċipali ta' fattura elettronika | Regolament 2 |
| *Article 2.2* | *Core elements of an electronic invoice* | *Regulation 2* |
| Artikolu 2.3 | Mudell semantiku tad-data | Regolament 2 |
| *Article 2.3* | *Semantic data model* | *Regulation 2* |
| Artikolu 2.4 | Sintassi | M'hemmx bżonn ta' traspożizzjoni |
| *Article 2.4* | *Syntax* | *No transposition is necessary* |
| Artikolu 2.5 | Rabtiet sintattiċi | M'hemmx bżonn ta' traspożizzjoni |
| *Article 2.5* | *Syntax buildings* | *No transposition is necessary* |
| Artikolu 2.6 | Entitajiet kontraenti | Regolament 2 |
| *Article 2.6* | *Contracting authorities* | *Regulation 2* |
| Artikolu 2.7 | Awtoritajiet kontraenti subċentrali | Regolament 2 |
| *Article 2.7* | *Sub-central contracting authorities* | *Regulation 2* |
| Artikolu 2.8 | Entità ċentrali ta' akkwist | M'hemmx bżonn ta' traspożizzjoni |
| *Article 2.8* | *Central purchasing body* | *No transposition is necessary* |
| Artikolu 2.9 | Entitajiet kontraenti | Regolament 2 |
| *Article 2.9* | *Contracting entities* | *Regulation 2* |

| | | |
|---|---|---|
| Artikolu 2.10 | Standard internazzjonali | M’hemmx bżonn ta’ traspożizzjoni |
| *Article 2.10* | *International standard* | *No transposition is necessary* |
| Artikolu 2.11 | Standard Ewropew | M’hemmx bżonn ta’ traspożizzjoni |
| *Article 2.11* | *European standard* | *No transposition is necessary* |
| Artikolu 3.1 | Stabbiliment ta’ standard Ewropew | M’hemmx bżonn ta’ traspożizzjoni |
| *Article 3.1* | *Establishment of a European Standard* | *No transposition is necessary* |
| Artikolu 3.2 | Pubblikazzjoni tar-referenza għall-istandard | M’hemmx bżonn ta’ traspożizzjoni |
| *Article 3.2* | *Publication of reference to the standard* | *No transposition is necessary* |
| Artikolu 4.1 (a) | Oġġezzjonijiet formali għall-istandard Ewropew | M’hemmx bżonn ta’ traspożizzjoni |
| *Article 4.1 (a)* | *Formal objections to the European Standard* | *No transposition is necessary* |
| Artikolu 4.1 (b) | Oġġezzjonijiet formali għall-istandard Ewropew | M’hemmx bżonn ta’ traspożizzjoni |
| *Article 4.1 (b)* | *Formal objections to the European Standard* | *No transposition is necessary* |
| Artikolu 4.2 | Pubblikazzjoni ta’ informazzjoni dwar l-istandard Ewropew dwar il-fatturazzjoni elettronika u l-lista ta’ sintassijiet li jkunu suġġetti għall-oġġezzjonijiet formali | M’hemmx bżonn ta’ traspożizzjoni |
| *Article 4.2* | *Publication of information on the European standard on electronic invoicing and the list of syntaxes subject of formal objections* | *No transposition is necessary* |
| Artikolu 4.3 | Informazzjoni lill-organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni | M’hemmx bżonn ta’ traspożizzjoni |
| *Article 4.3* | *Information to European standardisation organisation* | *No transposition is necessary* |
| Artikolu 4.4 | Adozzjoni tad-deċiżjonijiet | M’hemmx bżonn ta’ traspożizzjoni |
| Article 4.4 | Adoption of decisions | No transposition is necessary |
| Artikolu 5.1 (a) | Żamma u aktar żvilupp tal-istandard Ewropew u l-lista ta’ sintassijiet | M’hemmx bżonn ta’ traspożizzjoni |
| *Article 5.1 (a)* | *Maintenance and further development of the European standard and the list of syntaxes* | *No transposition is necessary* |
| Artikolu 5.1 (b) | Żamma u aktar żvilupp tal-istandard Ewropew u l-lista ta’ sintassijiet | M’hemmx bżonn ta’ traspożizzjoni |
| *Article 5.1 (b)* | *Maintenance and further development of the European standard and the list of syntaxes* | *No transposition is necessary* |
| Artikolu 5.2 | Talba lill-organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni rilevanti | M’hemmx bżonn ta’ traspożizzjoni |
| *Article 5.2* | *Request to the relevant European standardisation organisation* | *No transposition is necessary* |
| Artikolu 5.3 | Applikabilità tal-Artikolu 4 għal kwalunkwe aġġornament jew reviżjoni | Regolament 1(6) |
Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Il-21 ta' Diċembru, 2018

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

21st December, 2018

ĦAL SAFI LOCAL COUNCIL

The Ħal Safi Local Council notifies that:

**Tenders will be received at the Ħal Safi Local Council through e-PPS, up to 10.30 a.m. on Friday, 18th January, 2019, for:**

Advt No. T/SFI 3/2018. Restoration of the external facade of Sir Alexander Ball's Garden – Ħal Safi, for the Rural Development Programme for Malta 2014-2020.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

21st December, 2018

INDUSTRIAL PROPERTY REGISTRATIONS DIRECTORATE

This Supplementary Protection Certificate indicated below has been granted in accordance with Article 8(1) of Legal Notice 260 (Plant Protection Products) or 261 (Medicinal Products) of 2002:

(21) **SPC**/102/2018
(68) **Pat** 3328
(22) *Filing date:* 20 September 2018

(71) GlaxoSmithKline Biologicals s.a.
(Incorporated in Belgium)

(71) VACCINE

(95) *Product:* Varicella Zoster Virus (VZV) glycoprotein E(gE)
*Product Type:* Medicinal

(93) *Authorised:* EU/1/18/1272

(21) **SPC**/101/2018
(68) **EP34020**/2822954
(22) *Filing date:* 11 September 2018

(71) Gilead Sciences, Inc.
(Incorporated in United States )

(71) POLYCYCLIC-CARBAMOYLPYRIDONE COMPOUNDS AND THEIR PHARMACEUTICAL USE

(95) *Product:* Bictegravir or a pharmaceutically acceptable salt thereof, in particular bictegravir sodium
*Product Type:* Medicinal

(93) *Authorised:* EU/1/18/1289

The following applications for a Supplementary Protection Certificate have been filed:

(21) **SPC**/105/2018
(68) **EP34104/2534153**
(22) *Filing date:* 22 November 2018

(71) Pfizer Inc.
(Incorporated in U.S.A.)

(71) SALTS AND POLYMORPHS OF 8-FLUORO-2-{4-[(METHYLAMINO}METHYL]PHENYL}-1,3,4,5-TETRAHYDRO-6H-AZEPINO[5,4,3-CD]INDOL-6-ONE

(95) *Product:* Rucaparib Camsylate
*Product Type:* Medicinal

(93) *Authorised:* EU/1/17/1250

21st December, 2018

GODWIN WARR
*Comptroller of Industrial Property*

## AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1985

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla t-Tlieta, 9 t'Ottubru, 2018, fuq rikors ta' APS Bank Limited (C 2192) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 22 ta' Jannar, 2019, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir fl-Ewwel Sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-fond bin-numru uffiċjali dsatax (19) bl-isem ta' "San Domenico", fi Triq l-Isptar l-Antik, Il-Belt Valletta, bl-arja sovrastanti, liberu u frank u bid-drittijiet u pertinenzi kollha tiegħu, stmat li jiswa sitt mija u ħamsa u tmenin elf ewro (€685,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Olena magħrufa wkoll bħala Elena Mashkova (passaport Ukren numru AK061485) u b'digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili datat 12 ta' Jannar, 2017, ġew nominati Dr Josette Sultana u PL Gillian Muscat bħala Kuraturi Deputati għall-assenti.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 49/2017.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 17 ta' Diċembru, 2018

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall on Tuesday, 9th October, 2018, on the application of APS Bank Limited (C 2192), Tuesday, 22nd January, 2019, at eleven in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the sale of auction to be held on the First Floor of the Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta of the following property.

Tenement officially numbered nineteen (19) named "San Domenico", in Triq l-Isptar l-Antik, Valletta, with its overlying airspace, free and unencumbered, with all its rights and enjoyments, valued at six hundred and eighty-five thousand euro (€685,000).

The said tenement is the property of Olena known as Elena Mashkova (Ukranian passport number AK061485) and by decree of the First Hall of the Civil Court dated 12th January, 2017, Dr Josette Sultana and Legal Procurator Gillian Muscat had been nominated as deputy curators for the absent.

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales file number 49/2017.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 17th December, 2018

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1986

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fit-30 ta' Ottubru, 2018, fuq talba ta' Pater Holding Company Limited, ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw il-padruni diretti mhux magħrufa fl-atti taċ-Ċedola fl-ismijiet Pater Holding Company Limited vs

By means of a decree given by the Civil Court First Hall on the 30th October, 2018, following a request of Pater Holding Company Limited, it was ordered that deputy curators be chosen to represent the unknown direct owners in the records of the Schedule in the names Pater Holding

Kuraturi Deputati, Ċedola numru 2042/2018, u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Ċedola ta' Depożitu u fidi ta' ċens, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Pater Holding Company Limited (C 3334) liema soċjetà għandha l-uffiċċju reġistrat f'168, Pater House, Triq Psaila, Birkirkara vs Kuraturi Deputati nominati sabiex jirrappreżentaw il-padruni diretti mhux magħrufa, fis-26 ta' Ottubru, 2018, l-interpellanti Pater Holding Company Limited esponiet bir-rispett:

Illi s-soċjetà esponenti akkwistat permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Gerard Spiteri Maempel, datat 29 t'Awwissu, 1996, l-utile dominium perpetum tal-blokk ta' bini bla numru u li jinsab fi Triq Salvu Psaila, Birkirkara, flimkien mal-arja rispettiva, liema blokk bini jikkonsisti f'kantina, showroom fil-pjan terran u żewġ sulari sovrastanti u dan kif inhu ben aħjar spjegat fil-kuntratt relattiv Dok. A;

Illi l-proprjetà de quo hija soġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €55.91;

Illi s-soċjetà esponenti tixtieq tipprevalixxi ruħha mill-fakoltajiet mogħtija lilha taħt l-Artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u tifdi ċ-ċens kollu li qiegħed jiggrava l-proprjetà de quo;

Illi l-ammont ta' €55.91 kapitalizzat bir-rata ta' 5% jammonta għal elf, mija u tmintax-il ewro u għoxrin ċenteżmu (€1118.20) li flimkien mas-somma ta' €279.55, li tirrappreżenta l-arretrati tal-aħħar ħames snin, b'kollox jammontaw għal €1397.75 sabiex jiġu liberament żbankati mill-intimati wara li jkunu ppruvaw it-titolu tagħhom ai termini tal-Artikolu 1501 (8) tal-Kodiċi Ċivili Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Notifiki:

Kuraturi Deputati

Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Evans Building, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta (2 kopji)

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-uffiċċju.

Company Limited vs Deputy Curators, Schedule number 2042/2018 and in the other relative and subsequent acts.

By means of a Schedule of Deposit and redemption of groundrent, filed in the First Hall Civil Court, in the names Pater Holding Company Limited (C 3334) which company has its registered office at 168, Pater House, Triq Psaila, Birkirkara vs Deputy Curators, appointed to represent the unknown direct owners, on the 26th October, 2018, the interpellants Pater Holding Company Limited, respectfully pleaded:

That the interpellant company acquired by means of a contract in the records of Notary Doctor Gerard Spiteri Maempel, dated 29th August, 1996, the perpetual utile dominium of the block of building without number and which is situated in Triq Salvu Psaila, Birkirkara, together with the respective airspace, which block consists in a basement, showroom at groundfloor level and two overlying floors and this as better explained in the relative contract Doc. A;

That the property de quo is subject to the annual and perpetual groundrent of €55.91;

That the interpellant company wishes to avail itself of the faculties given to it under Article 1501 of the Civil Code, Cap. 16 of the Laws of Malta and redeem all the groundrent which is burdening the property de quo;

That the amount of €55.91 capitalised at the rate of 5% amounts to one thousand, one hundred and eighteen euro and twenty cents (€1118.20) together with the sum of €279.55 which represents the arrears of these last five years, in all amounting to €1397.75 in order to be freely withdrawn by the respondents after they have proved their title in terms of Article 1501 (8) of the Civil Code Cap. 16 of the Laws of Malta.

Notify:

Deputy Curators

Director Public Registry, Evans Building, Triq il-Merkanti, Valletta (2 copies)

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wises so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of Curators of Office.

U wara li tkun għamilt dana jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Lorraine Schembri Orland LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 30 ta' Ottubru, 2018

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 17 ta' Diċembru, 2018

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

And after so acting or if you encounter any difficulty in the execution of this bann you are to inform this Court forthwith.

Given by the Superior Court above mentioned with the witness of the Hon. Madam Justice Lorraine Schembri Orland LLD, Doctor of Laws.

Today 30th October, 2018

Registry of the Superior Courts, today 17th December, 2018

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1987

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fid-9 ta' Awwissu, 2018, fuq talba ta' Joe Tonna (Properties) Limited, ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil padruni diretti mhux magħrufa fl-atti taċ-Ċedola, fl-ismijiet Joe Tonna (Properties) Limited, Ċedola numru 1508/2018, vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Ċedola ta' Depożitu u fidi ta' ċens, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Joe Tonna (Properties) Limited, bin-numru ta' reġistrazzjoni C 6839 u uffiċċju reġistrat 37, Dolphin House, Xemxija Hill, Ix-Xemxija, San Pawl il-Baħar vs Kuraturi Deputati għan-nom u in rappreżentanza tal-padruni diretti mhux magħrufa tal-porzjon ta' art formanti parti mill-art tax-Xemxija, fil-kontrada omonima fil-limiti parrokkjali ta' San Pawl il-Baħar, fid-9 ta'Awwissu, 2018, ir-rikorrenti Joe Tonna (Properties) Limited (C 6839) esponiet bir-rispett:

Illi s-soċjetà esponenti akkwistat b'titolu ċens annwu u perpetwu mingħand is-soċjetà Vica Limited, fl-atti tan-Nutar Joseph Hernry Sciriha, permezz ta' att pubbliku tal-20 ta' April, 1989, liema porzjoni ta' art tifforma parti mill-art tax-Xemxija, fil-kontrada amonima fil-limiti parrokkjali ta'San Pawl il-Baħar, tal-kejl superfiċjali ta' circa 2,060mk konfinanti min-Nofsinhar ma' triq bla isem, mill-Punent ma' beni ta' Grove Enterprises Limited ġja ta' Anthony Cauchi jew is-suċċessuri fit-titolu tiegħu u mil-Lvant ma' beni ta' Giuseppe Debono jew is-suċċessuri fit-titolu jew irjieħ verjuri;

Illi s-soċjetà esponenti tiddikjara illi ma tafx min hu l-padrun dirett;

Illi l-imsemmija proprjetà hija soġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €0.12;

Illi s-soċjetà esponenti tixtieq tifdi din il-proprjetà billi tipprevalixxi ruħha mill-fakoltà mogħtija lilha bl-Artikolu

By means of a decree given by the Civil Court First Hall on the 9th August, 2018, following a request of Joe Tonna (Properties) Limited, it was ordered that deputy curators be chosen to represent the unknown direct owners in the records of the Schedule in the names Joe Tonna (Properties) Limited, Schedule number 1508/2018 vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a Schedule of Deposit and redemption of groundrent, presented in the First Hall Civil Court in the names Joe Tonna (Properties) Limited, with registration number (C 6839) and registered office 37, Dolphin House, Xemxija Hill, Xemxija, St Paul's Bay vs Deputy Curators on behalf and in representation of the unknown direct owners of the portion of land forming part of the land tax-Xemxija in the same vicinity, in the parrochial limits of St Paul'S Bay, on the 9th August, 2018, the applicacnt Joe Tonna (Properties) Limited (C 6839) respectfully pleaded:

That the interpellant company acquired by title of annual and perpetual groundrent from the company Vica Limited, in the records of Notary Joseph Hrenry Sciriha, by means of a public deed of the 20th April, 1989, which portion of land forms part of the land of Xemxija, in the same vicinity in the parrochial limits of St Paul's Bay, of the superficial area of circa 2,060sm, bordering on the South on a street without name, on the West with property of Grove Enterprises Limited previously of Anthony Cauchi or his successors in title, and on the East with property of Giuseppe Debono or his successors in title or more correct boundaries;

That the interpellant company declares that it does not know who is the direct owner;

That the said property is subject to the annual and perpetual groundrent of €0.12;

That the interpellant company wises to redeem this property by availing itself of the faculty granted to it by Article

1501 tal-Kodiċi Ċivili billi tiddepożita s-somma ta' €5, li minnhom €2.40 jirrappreżentaw il-valur taċ-ċens kapitalizzat bil-5% u l-bilanċ arretrati taċ-ċens, sabiex dawn jiġu mogħtija liberament lill-intimat wara li titħalla d-debita riċevuta.

Notifika:

Kuraturi Deputati, il-Qorti, Il-Belt Valletta

Direttur Reġistru Pubbliku, Triq id-Deja, Il-Belt Valletta

Reġistratur tal-Artijiet, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-dahla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Giannino Caruana Demajo LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 9 ta' Awwissu, 2018

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 17 ta' Diċembru, 2018

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1501 of the Civil Code by depositing the sum of €5 out of which €2.40 represent the value of the groundrent capitalised at 5% and the balance arrears of groundrent in order that these be freely given to the respondent after the due receipt is left.

Notify:

Deputy Curators, Courts of Justice, Valletta

Director Public Registry, Triq id-Dejqa, Valletta

Land Registrar, Casa Bolino, Triq il-Punent, Valletta

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wises so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you encounter any difficulty in the execution of this bann you are to inform this Court forthwith.

Given by the Superior Court above mentioned with the witness of the Hon. Mr Justice Giannino Caruana Demajo LLD, Doctor of Laws.

Today 9th August, 2018

Registry of the Superior Courts, today 17th December, 2018

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1988

B'digriet tad-29 ta' Novembru, 2018, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(5) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'Rikors ippreżentat mill-Kummissarju tat-Taxxi fit-18 ta' Ottubru, 2018, qed jintalab l-izbank fl-ammont ta' €8406 mill-Kummissarju tat-Taxxi depożitati b'ċedola ta' depożitu numru 1380/2018 fl-ismijiet:

Kummissarju tat-Taxxi vs Veronica Gauci (KI 312162M) f'ismu personali u kif ukoll bħala Direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Uranus Company Limited (C 6772).

By a decree of the 29th November, 2018, given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(5) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

That by an application filed by the Commissioner of Tax on the 18th October, 2018, is asking for the withdrawal of €8406 by the Commissioner of Tax deposited by the schedule of deposit 1380/2018 in the names of:

Kummissarju tat-Taxxi vs Veronica Gauci (ID 312162M) personally and as a Director and in representation of the society Uranus Company Limited (C 6772).

Il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors b’għaxart (10) ijiem żmien biex jirrispondu.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum l-Erbgħa, 12 ta’ Diċembru, 2018

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Court ordered the notification of the application with a ten (10) day period to reply.

Registry of the Superior Courts, today Wednesday, 12th December, 2018

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1989

B’digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim’Awla, fl-10 ta’ Settembru, 2018, fuq talba ta’ Mizzi Associated Enterprises Limited, ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Dr Anne Laure Marie Jeanne, fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Mizzi Associated Enterprises Limited vs Kuraturi Deputati, Rikors Numru 887/2018 RM, u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta’ Rikors ippreżentat fil-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet Mizzi Associated Enterprises Limited (C 1372) vs Dr Anne Laure Marie Jeanne magħrufa bħala Sasha Gicquel, karta tal-identità 0028510A, fl-4 ta’ Settembru, 2018, is-soċjetà rikorrenti Mizzi Associated Enterprises Limited (C 1372) esponiet bir-rispett:

Illi għalkemm jirriżulta illi l-konvenuta għandha karta tal-identità Maltija li biha għandha r-residenza s-Swieqi, is-soċjetà rikorrenti hija a konoxxenza tal-fatt illi l-konvenuta tgħix il-Kanada. Illi għalhekk is-soċjetà rikorrenti tixtieq titlob lil din l-Onorabbli Qorti tinnomina deputat kuratur sabiex jirrappreżenta l-interessi tal-konvenuta.

Għaldaqstant ai termini tal-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, ir-rikorrenti titlob li din l-Onorabbli Qorti tordna li kopja tal-bandi flimkien ma’ kopja tar-rikors ġuramentat tiġi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern u f’żewġ gazzetti ta’ kuljum.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta’ dan il-bandu fid-daħla ta’ din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b’dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f’dan ir-reġistru u jagħmel b’nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana jew jekk tiltaqa’ ma’ xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta’ dan il-bandu inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

By means of a decree given by the Civil Court First Hall on the 10th September, 2018, following a request of Mizzi Associated Enterprises Limited, it was ordered that deputy curators be chosen to represent Dr Anne Laure Marie Jeanne, in the records of the application in the names Mizzi Associated Enterprises Limited vs Deputy Curators, Application Number 887/2018 RM, and in the other relative and subsequent acts.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court, in the records of the Application in the names Mizzi Associated Enterprises Limited (C 1372) vs Dr Anne Laure Marie Jeanne known as Sasha Gicquel, identity card 0028510A, on the 4th September, 2018, the applicant company Mizzi Associated Enterprises Limited (C 12372) respectfully pleaded:

That although it results that the defendant has a Maltese identity card in virtue of which she has residence in Swieqi, the applicant company is aware of the fact that the defendant resides in Canada.

Thus in terms of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure, the applicant respectfully prays that this Honourable Court order that a copy of the banns together with a copy of the sworn application be published in the Government Gazette and in two daily newspapers.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wises so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you encounter any difficulty in the execution of this bann you are to inform this Court forthwith.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Noel Cuschieri LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 10 ta' Settembru, 2018

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 18 ta' Diċembru, 2018

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Given by the Superior Court abovementioned with the witness of the Hon. Mr Justice Noel Cuschieri LLD, Doctor of Laws.

Today 10th September, 2018

Registry of the Superior Courts, today 18th December, 2018

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1990

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fid-9 ta' Awwissu, 2018, fuq talba ta' Emanuel Spiteri et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil okkupanti mhux magħrufa fl-atti tal-Ittra Uffiċjali fl-ismijiet Emanuel Spiteri et vs Kuraturi Deputati, Ittra numru 2796/2018, u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Ittra Uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis 7 ta' Awwissu, 2018, lil 1. Gaetano Borg (KI 711149M) 2. Carmelo Focà (KI 0462371M) 3. Avukat Dr ........... u L.P. ............. bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-okkupanti mhux magħrufa tal-maisonette li jinsab ġewwa 18, 'Charmar', Triq ix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar,

Emanuel Spiteri, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0764356M, u Mary Spiteri, detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 0756556M, ta' 40, Id-Dura, Triq l-Għasafar, Il-Ħamrun, formalment javżawkom li kwalsjasi ftehim bejn il-partijiet fir-rigward tal-maisonette li jinsab 18, 'Charmar', Triq ix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar, jiġi fi tmiemu fil-15 ta' Awwissu, 2018, u għaldaqstant qegħdin jinterpellawkom sabiex sal-15 ta' Awwissu, 2018, tiżgumbraw mill-maisonette li jinsab ġewwa 18, 'Charmar', Triq ix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar.

Jekk it-terminu konċess lilkom se jgħaddi inutilment, il-mittenti ma jkollhomx alternattiva oħra ħlief li jipproċedu ulterjorment fil-konfront tagħkom bil-proċeduri ġudizzjarji opportuni u jekk ikun il-każ inkluż il-mandati kawtelatorji neċessarji.

Tant sabiex tagħrfu tirregolaw ruħkom u tevitaw spejjeż ulterjuri.

Bl-ispejjeż u b'riserva għal kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-mittenti kemm kontra tagħkom kif ukoll terzi.

Mittenti:

40, Id-Dura, Triq l-Għasafar, Il-Ħamrun

By means of a decree given by the Civil Court First Hall on the 9th August, 2018, following a request of Emanuel Spiteri et, it was ordered that deputy curators be chosen to represent the unknown occupants in the records of the Judicial Letter in the names Emanuel Spiteri et vs Deputy Curators, Letter number 2796/2018, and in the other relative and subsequent acts.

By means of a Judicial Letter filed in the First Hall Civil Court, on the 7th August, 2018, to 1. Gaetano Borg (ID 711149M) 2. Carmelo Focà (ID 0462371M) 3. Advocate Dr ............ and L.P. ........... as Deputy Curators to represent the unknown occupants of the maisonette which is found at 18, 'Charmar', Triq ix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar,

Emanuel Spiteri, holder of identity card number 0764356M, and Mary Spiteri, holder of identity card number 0756556M, of 40, Id-Dura, Triq l-Għasafar, Ħamrun, formally warn you that any agreement between the parties regarding the maisonette which is found at 18, 'Charmar' Triq ix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar, shall come to an end on the 15th August, 2018, and thus are calling on you so that till the 15th August, 2018, you vacate the maisonette, which is found at 18, 'Charmar', Triq ix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar.

If the term granted to you shall uselessly pass, they shall have no alternative but to proceed further against you with the opportune judicial procedures and if it be the case including the necessary precautionary warrants.

So much so that you may know how to regulate yourselves and avoid further costs.

With costs and saving any further action due to the interpellant both against you and against third parties.

Interpellant:

40, Id-Dura, Triq l-Għasafar, Ħamrun

Intimati:

1. Gaetano Borg, ‘Serenity’, 532, Riviera Del Sol, Block C, Flat 2, Triq il-Qaliet, Marsaskala
2. Carmelo Focà, ‘Soleado’, Triq Salvu Buhagiar, Marsaskala, jew Auto Zone Auto Dealer, Triq Aldo Moro, Il-Marsa
3. Kuraturi Deputati, 18, ‘Charmar’, Triq ix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta’ dan il-bandu fid-daħla ta’ din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b’dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f’dan ir-reġistru u jagħmel b’nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana jew jekk tiltaqa’ ma’ xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta’ dan il-bandu inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Giannino Caruana Demajo LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 9 ta’ Awwissu, 2018

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 18 ta’ Diċembru, 2018

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Respondents:

1. Gaetano Borg, ‘Serenity’, 532, Riviera Del Sol, Block C, Flat 2, Triq il-Qaliet, Marsaskala
2. Carmelo Focà, ‘Soleado’, Triq Salvu Buhagiar, Marsaskala, or Auto Zone Auto Dealer, Triq Aldo Moro, Marsa
3. Deputy Curators,18, ‘Charmar’, Triq ix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wises so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you encounter any difficulty in the execution of this bann you are to inform this Court forthwith.

Given by the Superior Court abovementioned with the witness of the Hon. Mr Justice Giannino Caruana Demajo LLD, Doctor of Laws.

Today 9th August, 2018

Registry of the Superior Courts, today 18th December, 2018

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1991

B’digriet mogħti mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, fl-atti tal-Mandat ta’ Inibizzjoni, fl-ismijiet Busuttil Dolores vs Govorova Irina, Mandat Inib. 1739/18 LSO, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta’ notifika fil-konfront ta’ Irina Govorova a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Mandat ta’ Inibizzjoni

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

Busuttil Dolores (karta tal-identità 0130341M)

kontra

Irina Govorova (passaport Russu 712314950)

Rikors ta’ Dolores Busuttil ta’ Block B, Flat 5, St Paul’s Bay by the Sea Street, San Pawl il-Baħar SPB 3300, detentriċi tal-karta tal-identità 0130341M.

By means of a decree given by the First Hall Civil Court, in the records of the Warrant of Prohibitory Injunction in the names Busuttil Dolores vs Govorova Irina, Warrant of Prohibitory Injunction 1739/18 LSO, the following publication was ordered for the purpose of service of Irina Govorova, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

Warrant of Prohibitory Injunction

In the First Hall of the Civil Court

Busuttil Dolores (identity card 0130341M)

against

Irina Govorova (Russian passport 712314950)

Application of Dolores Busuttil of Block B, Flat 5, St Paul’s Bay by the Sea Street, St Paul’s Bay SPB 3300, holder of identity card 0130341M.

Jingħad bil-qima u jiġi kkonfermat bil-ġurament minn Dolores Busuttil, detentriċi tal-karta tal-identità 0130341M:

Illi l-esponenti għandha interess li jitħarsu l-jeddijiet tal-esponenti;

Illi l-esponenti, sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha, tixtieq iżżomm lill-intimata Irina Govorova, detentriċi tal-passaport Russu 712314950, ta' 11, Block B, "Saint Mary Flats", Triq il-Ġifen, Buġibba milli:

1. Tbigħ, tneħħi, tittrasferixxi jew tiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu lil terzi l-fond ossia l-appartament internament immarkat bin-numru ħdax (11), formanti parti l-blokk bini mmarkat bl-ittra 'B'tal-kumpless bl-isem "Saint Mary Flats" fi Triq il-Ġifen, Buġibba, fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar;

2. In vista tal-urġenza u imminenza marbuta maċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalsjasi provvediment neċessarju u opportun, tilqa' proviżorjament din it-talba ai termini tal-artikolu 875(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi dan il-mandat ta' inibizzjoni huwa intiż sabiex iwaqqaf lill-intimata milli tbigħ jew bi kwalsjasi mod ieħor tittrasferixxi l-proprjetà surreferita minħabba s-segwenti raġunijiet:

Illi permezz ta' konvenju datat it-2 ta' Ġunju tas-sena 2018, li kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A, l-intimata obbligat ruħha illi tbigħ u tittrasferixxi l-fond ossia l-appartament internament immarkat bin-numru ħdax (11), formanti parti l-blokk bini mmarkat bl-ittra 'B'tal-kumpless bl-isem "Saint Mary Flats" fi Triq il-Ġifen, Buġibba, fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar skont it-termini u kundizzjoni hemm pattwiti;

Illi wara li l-partijiet iffirmaw il-konvenju, l-attriċi pproċediet biex tagħmel diversi spejjeż ulterjuri li tħallsu minnha personali, inkluż spejjeż relatati ma' surveys u regolarizzazzjoni tal-ippjanar mal-Awtorità tal-Ippjanar, filwaqt li kienu diġà saru wkoll ir-riċerki u l-verifikazzjoni tat-titlu relatati mal-fond in kwistjoni;

Illi l-konvenju kien ser jiskadi fid-30 ta' Settembru, 2018, u nonostante diversi tentazzjonijiet ta' komunikazzjoni da parti l-attriċi biex l-intimata tersaq għall-pubblikazzjoni tal-att finali, din tal-aħħar irrifjutat li tikkorrispondi mal-attriċi

Stated with respect and confirmed on oath by Dolores Busuttil, holder of identity card 0130341M:

That the applicant has an interest that the rights of the applicant are protected;

That to safeguard her rights, the applicant wants to withhold the respondent Irina Govorova, holder of Russian passport 712314950, of 11, Block B, "Saint Mary Flats", Triq il-Ġifen, Buġibba from:

1. Selling, removing, transferring or disposing inter vivos, whether by onerous or gratuitous title, to third parties the property consisting of the apartment internally marked with the number eleven (11), which forms part of the block marked with letter 'B' of the complex named "Saint Mary Flats" in Triq il-Ġifen, Buġibba, in the limits of St Paul's Bay;

2. In view of the urgency and imminency related with the circumstances of this case, the applicant asks with respect this honourable Court, saving any necessary and appropriate provisions, to uphold provisionally this request in terms of article 875(2) of Chap. 12 of the Laws of Malta.

That this warrant of prohibitory injunction is aimed at preventing the respondent from selling or by any other way transfer the abovementioned property for the following reasons:

That by means of a promise of sale dated 2nd June of the year 2018, a copy of which is hereby being annexed and marked as Doc. A, the respondent undertook to sell and transfer the property consisting of the apartment internally marked with the number eleven (11), which forms part of the block marked with the letter 'B' of the complex named "Saint Mary Flats" in Triq il-Ġifen, Buġibba in the limits of St Paul's Bay in accordance to the terms and conditions stipulated therein;

That after the parties signed the promise of sale, the plaintiff proceeded to make several additional expenses which were made good personally by herself, including expenses relating to surveys and planning regularisation with the Planning Authority, while there were also researches and verifications of title which had already been done in relation to the property in question;

That the promise of sale was about to expire on the 30th September, 2018, and despite various attempts of communication on the part of the plaintiff for the defendant to appear on the publication of the final deed, the latter

u naqset milli tersaq għall-att finali u dan mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi;

Illi minħabba r-raġuni hawn fuq indikata, l-attriċi intavolat ittra uffiċjali fil-ġurnata tat-18 ta’ Settembru tas-sena 2018 ai termini tal-artiklu 1357(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta li ġiet notifikata lill-intimata biex din tal-aħħar tonora l-obbligazzjonijiet tagħha u tersaq għall-pubblikazzjoni tal-att finali. Kopja tal-ittra uffiċjali qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok B;

Illi l-ittra uffiċjali tat-18 ta’ Settembru tas-sena 2018 ai termini tal-Artikolu 1257(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta ġiet ukoll tradotta għal-lingwa ingliża hawn annessa u mmarkata bħala Dok. C;

Illi ai termini tal-artikolu 1357(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta, in vista tal-ittra uffiċjali surreferita, l-effett tal-wegħda ta’ bejgħ għadu ma spiċċax;

Illi dan il-mandat huwa għalhekk meħtieġ sabiex jiġu kkawtelati l-interessi tal-esponenti u fil-fatt, kontestwalment ma’ dan ir-rikors ġie intavolat rikors ġuramentat ai termini tal-artikolu 1357(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta sabiex titwettaq il-wegħda kemm-il darba l-intimata tibqa’ inadempjenti fl-obbligi minnha assunti ai termini tal-konvenju surreferit.

Għaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni sabiex iżomm lill-intimata milli tkompli tagħmel il-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija u milli tiddisponi mill-proprjetà tiegħha hawn fuq deskritta.

Illum, 26 ta’Ottubru, 2018

Ikkonfermat quddiemi bil-ġurament wara li qrajtlu l-kontenut, u fil-preżenza ta’ Marbeck Spiteri, Deputat Reġistratur, bħala xhud tal-identità, u ppreżentat minn P.L.Daniel Aquilina.

Mandat ta’ Inibizzjoni

Repubblika ta’ Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

Billi ġie ppreżentat ir-rikors ta’ hawn fuq, u jirrikorru l-elementi meħtieġa skont il-liġi għall-ordnijiet infraskritti;

Inti, għaldaqshekk, fuq ir-rikors imsemmi, ordnat illi b’kopja li tagħti ta’ dan il-mandat lill-imsemmi intimat, inti għandek iżżomm lill-intimat milli jagħmel il-ħwejjeġ imsemmija fl-imsemmi rikors li huma ta’ ħsara għar-rikorrent, taħt il-pieni li thedded il-liġi għal min jonqos;

refused to correspond with the plaintiff and failed to appear on the final deed and this without any valid reason at law;

That due to the above indicated reasons, the plaintiff filed a judicial letter on the day of the 18th September of the year 2018 in terms of article 1357(2) of Chap. 16 of the laws of Malta which was notified to the defendant for the latter to honour her obligations and appear on the publication of the final deed. A copy of the judicial letter is hereby being annexed and marked as Doc. B;

That the judicial letter of 18th September of the year 2018 in terms of Article 1357(2) of Chap. 16 of the laws of Malta was also translated in the English language which is hereby being annexed and marked as Doc. C;

That in terms of article 1357(2) of Chap. 16 of the laws of Malta, in view of the judicial letter referred to above, the effect of the promise of sale has not yet lapsed;

That this warrant is therefore required for the interests of the exponent to be protected and in fact, a sworn application in terms of article 1357(2) of Chap. 16 of the laws of Malta was contextually filed with this application for the promise of sale to be carried out as long as the respondent remains in default of her obligations assumed in terms of the indicated promise of sale.

Therefore, the applicant humbly asks this honourable Court to order the issue of the warrant of prohibitory injunction to withhold the respondent from continuing to make the above matters and from disposing from her property described above.

Today, 26th October, 2018

Confirmed before me under oath after I read the content, and in the presence of Marbeck Spiteri, Deputy Registrar, as a witness of identity and presented by P.L. Daniel Aquilina.

Warrant of Prohibitory Injunction

Republic of Malta

To the Court Marshall

Whereas the above application was presented and there recur the necessary elements according to law for the undermentioned orders.

You are therefore on the said application hereby ordered that by delivering a copy of this warrant to the said respondent, you are to hold the respondent from carrying out the acts mentioned in the said application which are detrimental to the applicant, under the penalties contemplated by law for default;

U wara li tagħmel dan, u jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-mandat, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Lorraine Schembri Orland, Duttur tal-Liġi.

Rikorrent:
Dolores Busuttil, Block B, Flat 5, St. Paul's Bay by the Sea Street, San Pawl il-Baħar SPB 3300

Intimata:
Irina Govorova, 11, Block B, "Saint Mary Flats", Triq il-Ġifen, Buġibba
Eżekuzzjoni:
1.Irina Govorova, 11, Block B, "Saint Mary Flats" Triq il-Ġifen, Buġibba
2. Direttur Reġistru Pubbliku, Triq id-Dejqa, Il-Belt Valletta

Ir-Rikors Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet Busuttil Dolores vs Govorova Irina, Rikors numru 1739/18 LSO, ġie differit għas-smigħ għat-8 ta' Jannar, 2019, fid-9.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 18 ta' Diċembru, 2018

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Registratur, Qrati Ċivili u Tribunali

And after doing this or upon meeting with any obstacle in the execution hereof, you shall forthwith inform this Court.

Given by the Civil Court First Hall with the evidence of the Hon. Madame Justice Lorraine Schembri Orland, Doctor of Laws.

Applicant:
Dolores Busuttil, Block B, Flat 5, St Paul's Bay by the Sea Street, St Paul's Bay SPB 3300

Respondent:
Irina Govorova, 11, Block B, "Saint Mary Flats", Triq il-Ġifen, Buġibba
Execution:
1. Irina Govorova, 11, Block B, "Saint Mary Flats", Triq il-Ġifen, Buġibba
2. Director Public Registry, Triq id-Dejqa, Valletta

The Application Warrant of Prohibitory Injunction in the names Busuttil Dolores vs Govorova Irina, Application number 1739/18 LSO, has been deferred for hearing to the 8th January, 2019, at 9.30 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 18th December, 2018

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1992

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla fit-18 ta' Diċembru, 2018, fuq rikors tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 16 ta' Jannar, 2019, f'nofsinhar (12.00 p.m.) għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'kamra numru 78, biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand il-bastiment M/T Turu.

Bastiment M/T Turu, IMO numru 8408777, numru uffiċjali tar-reġistrazzjoni 45744-PEXT, call sign HP4694, tunnellaġġ gross ta' 457, tunnellaġġ nett ta' 257, bil-bandiera tal-Panama u nbena fis-sena 1985.

N.B. L-imsemmi vapur jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-Subbasta numru 18/18.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 18 ta' Dicembru, 2018.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall on 18th December, 2018, on the application of the Malta Transport Authority, Wednesday, 16th January, 2019, at noon (12.00 p.m.) has been fixed for the sale by auction to be held at Room Number 78, Level -1, near the Archives, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta of the following items seized from the property of the vessel M/T Turu.

Vessel M/T Turu, IMO number 8408777, offical registration number 45744-PEXT, call sign HP4694, gross tonnage of 457, net tonnage of 257, with the Panama flag, and was built in the year 1985.

N.B. The said vessel will be sold as described in the acts of judicial file number 18/18.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 18 December 2018

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC — *Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper*